IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Opinjoni 02/2023

(skont l-Artikolu 322(1), TFUE

## dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà [Fajl Interistituzzjonali 2023/0109 (COD) tat-18 ta' April 2023]

# Werrej

Paragrafu

Introduzzjoni 01 - 03

Osservazzjonijiet ġenerali 04 - 05

Kummenti speċifiċi 06 - 40

Nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt 06 - 08

Informazzjoni parzjali dwar il-finanzjament 09 - 12

Informazzjoni parzjali dwar il-finanzjament u l-ħtiġijiet tar-riżorsi umani 09 - 10

Informazzjoni parzjali dwar l-istruttura finanzjarja tat-Tarka Ċibernetika Ewropea 11 - 12

Riskji marbuta mat-Tarka Ċibernetika Ewropea 13 - 26

Kumplessità akbar u livelli addizzjonali 13 - 20

Kondiviżjoni tal-informazzjoni 21 - 26

Riskji marbuta mal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika 27 - 34

L-użu tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE 27 - 29

Deroga mill-prinċipju tal-"annwalità" 30 - 34

Riskji marbuta mal-Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti 35 - 36

Monitoraġġ tal-prestazzjoni u evalwazzjoni tal-politika 37 - 40

Kummenti finali 41 - 43

Anness – Il-galassja Ewropea taċ-ċibersigurtà

# Introduzzjoni

**01** Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà (l-"Att tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà").

**02** L-Att propost tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà jistabbilixxi miżuri għad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari permezz ta':

- it-**Tarka Ċibernetika Ewropea** biex jinbnew u jittejbu l-kapaċitajiet koordinati tad-detezzjoni u tal-għarfien tas-sitwazzjoni;
- il-**Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika** li jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija, fir-rispons, u fl-irkupru mill-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira;
- il-**Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà** li jirrieżamina u jivvaluta inċidenti sinifikanti jew fuq skala kbira.

**03** Il-bażi ġuridika tal-proposta tal-Kummissjoni tfisser li konsultazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija obbligatorja[1]. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kitbulna fit-2 u s-7 ta' Ġunju 2023 rispettivament, biex jitolbu l-fehmiet tagħna. Din l-Opinjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' konsultazzjoni.

[1] L-Artikolu 322(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

# Osservazzjonijiet ġenerali

**04** L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà li jaffettwawhom. F'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru. Madankollu, l-impatt potenzjali ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira jfisser li jaf tkun meħtieġa azzjoni komuni fil-livell tal-UE.

**05** Il-QEA tilqa' l-objettivi tal-proposta biex issaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika kollettiva tal-UE. F'din l-Opinjoni, aħna nipprovdu kummenti speċifiċi dwar it-tliet komponenti tal-Att propost tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà, u niġbdu l-attenzjoni għal xi riskji li identifikajna fir-rigward tan-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt, l-aspetti finanzjarji, u kif il-miżuri stabbiliti fil-proposta jistgħu jiġu implimentati. B'mod partikolari, nenfasizzaw li r-Regolament propost jirriskja li l-galassja taċ-ċibersigurtà sħiħa tal-UE jagħmilha aktar kumplessa, u nissuġġerixxu modi biex dan ir-riskju jittaffa (ara l-paragrafi ***13-20***).

# Kummenti speċifiċi

## Nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt

**06** Il-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni jissuġġerixxu l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt u ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati bħala parti minn analiżi komprensiva tal-għażliet ta' tfassil u ta' implimentazzjoni tal-politika. Aħna nqisu li valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi huma għodda essenzjali biex jiġi meqjus jekk hijiex meħtieġa azzjoni tal-UE u biex jiġu analizzati l-impatti potenzjali tas-soluzzjonijiet disponibbli qabel ma tiġi adottata kwalunkwe proposta.

**07** Dan ir-Regolament propost ma kienx suġġett għal valutazzjoni tal-impatt. Fit-taqsima 3 tal-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjah, il-Kummissjoni spjegat li kienet għażlet li ma twettaqx tali valutazzjoni minħabba n-"*natura urġenti tal-proposta*". Hija qalet ukoll li l-miżuri introdotti mir-Regolament propost ikunu appoġġati mill-programm Ewropa Diġitali (DEP), u li kienu konformi mar-Regolament tad-DEP, li fl-2018 ġie suġġett għal valutazzjoni tal-impatt speċifika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat li l-miżuri proposti nbnew fuq azzjonijiet preċedenti mħejjija f'koordinazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati prinċipali u mal-Istati Membri, u li b'hekk jintegraw it-tagħlimiet meħuda.

**08** Madankollu, nosservaw li l-valutazzjoni tal-impatt tad-DEP ma tkoprix il-miżuri l-ġodda introdotti mir-Regolament propost. Għaldaqstant hemm informazzjoni limitata dwar l-għażliet ta' politika disponibbli u l-kostijiet relatati mal-proposta.

## Informazzjoni parzjali dwar il-finanzjament

### Informazzjoni parzjali dwar il-finanzjament u l-ħtiġijiet tar-riżorsi umani

**09** Il-finanzjament għall-miżuri stabbiliti fl-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà se jiġi mid-DEP. Fit-taqsima 4 tal-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li EUR 115-il miljun kienu diġà ġew allokati lit-Tarka Ċibernetika Ewropea fil-forma ta' proġetti pilota matul il-perjodu 2021-2022. Hija indikat ukoll li l-proposta żżid, b'EUR 100 miljun, il-baġit ta' EUR 743 miljun li fil-perjodu 2023-2027 ġie allokat għall-objettiv speċifiku tad-DEP taċ-ċibersigurtà u l-fiduċja, u dan tagħmlu permezz ta' riallokazzjoni interna tal-finanzjament.

**10** Wara din ir-riallokazzjoni, il-finanzjament tal-UE disponibbli għaċ-ċibersigurtà se jkun ta' EUR 843 miljun għall-perjodu 2023-2027. Aħna nosservaw li dan l-ammont ikopri mhux biss l-azzjonijiet stabbiliti fir-Regolament propost, iżda wkoll azzjonijiet oħra taċ-ċibersigurtà fid-DEP (bħall-appoġġ għall-industrija jew għall-istandardizzazzjoni). Il-proposta ma tipprovdix stima tal-kostijiet totali mistennija relatati mal-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti (it-Tarka Ċibernetika Ewropea, il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika (inkluża r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE), u l-Mekkaniżmu ta' Rieżami tal-Inċidenti taċ-Ċibersigurtà). Billi l-proposta mhijiex akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, aħna nissuġġerixxu li dawn l-istimi tal-kostijiet il-Kummissjoni tagħmilhom disponibbli biex ittejjeb it-trasparenza.

## Informazzjoni parzjali dwar l-istruttura finanzjarja tat-Tarka Ċibernetika Ewropea

**11** Il-Kapitolu II tar-Regolament propost jistabbilixxi t-"Tarka Ċibernetika Ewropea" magħmula minn ċentri nazzjonali tal-operazzjonijiet tas-sigurtà (SOCs) u ċentri transfruntieri tal-operazzjonijiet tas-sigurtà (SOCs transfruntieri). Ir-Regolament propost jipprevedi li l-SOCs nazzjonali eliġibbli jistgħu jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE li tkopri sa 50 % tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi tagħhom, u sa 50 % tal-kostijiet tal-operat tagħhom. Għall-SOCs transfruntieri, il-kofinanzjament mill-UE għandu jkopri sa 75 % tal-kostijiet tal-akkwist tal-għodod u tal-infrastrutturi, u sa 50 % tal-kostijiet tal-operat. Ir-Regolament propost ma jispeċifikax għaliex għodod u infrastrutturi addizzjonali, appoġġati b'rata ta' kofinanzjament ogħla, huma meħtieġa fl-SOCs transfruntieri meta mqabbla mal-għodod disponibbli għall-SOCs nazzjonali f'konsorzju.

**12** Barra minn hekk, ir-Regolament propost ma jispeċifikax għal kemm żmien il-kostijiet tal-operat tal-SOCs nazzjonali u ta' dawk transfruntieri se jiġu kofinanzjati mill-UE. Dan joħloq riskju li l-operat tat-Tarka Ċibernetika Ewropea u s-sostenibbiltà tagħha jsiru dipendenti fuq il-finanzjament mill-UE.

# Riskji marbuta mat-Tarka Ċibernetika Ewropea

## Kumplessità akbar u livelli addizzjonali

**13** Fir-Rapport Analitiku 02/2019[2] tagħna, aħna osservajna li x-xenarju taċ-ċibersigurtà tal-UE huwa kumpless u kkaratterizzat minn diversi saffi. Huwa jinvolvi għadd kbir ta' atturi privati u pubbliċi fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE fl-isfera ċivili, inklużi entitajiet tal-infurzar tal-liġi u unitajiet tal-intelligence finanzjarja. Iċ-ċibersigurtà wkoll hija element ewlieni tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali. Fl-***Anness*** ta' din l-Opinjoni nippreżentaw mappa tal-galassja l-ġdida taċ-ċibersigurtà fl-UE, li tinkludi, f'kaxxa skura, il-mekkaniżmi u l-komponenti kollha introdotti mill-proposta. Hija turi l-kumplessità u s-saffi addizzjonali introdotti mir-Regolament.

**14** L-għan tat-Tarka Ċibernetika Ewropea, stabbilita fil-Kapitolu II tar-Regolament propost, huwa li jinħolqu kapaċitajiet avvanzati għall-UE biex tidentifika, tanalizza u tipproċessa d-*data* dwar it-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi. Hija se tkun infrastruttura interkonnessa u pan-Ewropea ta' ċentri nazzjonali tal-operazzjonijiet tas-sigurtà u ċentri transfruntieri tal-operazzjonijiet tas-sigurtà.

**15** Sabiex jipparteċipa fit-Tarka Ċibernetika Ewropea, kull Stat Membru għandu jiddeżinja mill-anqas SOC nazzjonali wieħed, li jeħtieġlu jkun korp pubbliku. Min-naħa tagħhom, l-SOCs nazzjonali jenħtieġ li joħolqu SOCs transfruntieri, li ser ikunu konsorzji magħmula minn SOCs minn mill-inqas tliet Stati Membri impenjati li jaħdmu flimkien u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom ta' detezzjoni tal-inċidenti taċ-ċibersigurtà u ta' monitoraġġ tat-theddid ċibernetiku.

**16** Fi snin reċenti, l-UE saħħet il-qafas regolatorju tagħha f'dak li jikkonċerna ċ-ċibersigurtà. Wieħed mill-istrumenti ewlenin tagħha hija d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni tal-2016 (id-"Direttiva NIS") u r-reviżjoni tal-2022 (id-"Direttiva NIS 2"). Taħt id-Direttiva NIS 2, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu, fil-livell nazzjonali, skwadra ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters waħda jew aktar (CSIRTs). Fil-livell tal-UE, id-Direttiva NIS 2 tistabbilixxi wkoll il-grupp ta' kooperazzjoni tal-NIS, in-network tas-CSIRTs, u n-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe).

**17** Fl-2021, l-UE stabbiliet iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà. Dan iċ-ċentru, inawgurat f'Mejju 2023, se jiġi appoġġat minn network ta'

---

[2] Ir-Rapport Analitiku 02/2019: "Sfidi għal politika effettiva tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà".

27 Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, wieħed għal kull Stat Membru, li wħud minnhom huma wkoll SOCs nazzjonali. Iċ-Ċentru se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-komponent taċ-ċibersigurtà tad-DEP, ħlief għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Din se tkun implimentata mill-Kummissjoni, iżda l-ENISA tista' tingħata r-responsabbiltà għall-operat u l-amministrazzjoni tagħha.

**18** Il-Kummissjoni nediet ukoll Ċiberunità konġunta. Din l-unità tħabbret fl-2020 fl-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà u kompliet tiġi definita f'rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021.

**19** F'April 2023, il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija tal-Akkademja għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà, inizjattiva ġdida mmirata biex tnaqqas il-lakuna fit-talent fil-qasam taċ-ċibersigurtà u tagħti spinta lill-forza tax-xogħol ċibernetika tal-UE.

**20** F'dan l-isfond, aħna nqisu li r-Regolament propost jirriskja li l-galassja taċ-ċibersigurtà sħiħa tal-UE jagħmilha aktar kumplessa. Hemm potenzjal għal trikkib bejn in-network eżistenti tas-CSIRTs u l-SOCs. Filwaqt li l-Kummissjoni, fit-taqsima 1 tal-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha, iddikjarat li l-pjattaformi tal-SOCs transfruntieri jenħtieġ li jikkostitwixxu kapaċità ġdida li tikkomplementa lin-network tas-CSIRTs, aħna nosservaw li xi wħud mill-kompiti u l-objettivi tal-SOCs nazzjonali, l-SOCs transfruntieri, is-CSIRTs, u n-network tas-CSIRTs huma simili. Dawn jinkludu d-detezzjoni tat-theddid ċibernetiku u r-rispons għalih, l-intelligence dwar it-theddid ċibernetiku u l-għarfien sitwazzjonali. Fil-prinċipju, dan ir-riskju jista' jittaffa permezz ta' konsolidazzjoni progressiva tal-istrutturi involuti, partikolarment fl-SOCs u s-CSIRTs nazzjonali, u l-SOCs transfruntieri. Barra minn hekk, il-proposta jenħtieġ li tiċċara kif dawn l-istrutturi għandhom jinteraġixxu billi tistabbilixxi arranġamenti ta' governanza u responsabbiltajiet ċari sabiex tiżgura koordinazzjoni effettiva u tikseb sinerġiji.

## Kondiviżjoni tal-informazzjoni

**21** Fir-Rapport Speċjali 05/2022[3] tagħna, sibna li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE ma kkondividewx sistematikament informazzjoni rilevanti ewlenija dwar iċ-ċibersigurtà ma' xulxin, anke meta kienu meħtieġa jagħmlu dan. Il-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni kompliet tiddgħajjef minħabba problemi ta' interoperabbiltà li ostakolaw il-komunikazzjoni sigura. Filwaqt li s-sejba tagħna kienet relatata ma' dak il-grupp relattivament żgħir u omoġenju ta' atturi tal-UE, aħna nqisu li din l-isfida se

[3] Ir-Rapport Speċjali 05/2022: "Ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE: Il-livell ta' tħejjija b'mod ġenerali mhuwiex proporzjonat mat-theddid".

tkun dejjem aktar rilevanti fil-galassja taċ-ċibersigurtà aktar kumplessa u diversa fil-livell tal-Istati Membri.

**22** L-Artikolu 4 tar-Regolament propost jiddikjara li l-SOCs nazzjonali jenħtieġ li jaġixxu bħala “punt ta’ referenza u portal” għal organizzazzjonijiet pubbliċi u privati oħra fil-livell nazzjonali biex tinġabar u tiġi analizzata informazzjoni dwar it-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda rekwiżit ta’ rappurtar fil-livell tal-UE għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati (inklużi s-CSIRTs nazzjonali, l-SOCs privati, u dawk li jissejħu “entitajiet essenzjali u importanti” skont id-Direttiva NIS 2) fil-konfront tal-SOCs nazzjonali. Għalhekk hemm riskju li l-SOCs nazzjonali ma jirċevux *data* jew informazzjoni adegwata għall-ħtiġijiet tagħhom.

**23** Fit-taqsima 2.2.2 tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma’ din il-proposta, il-Kummissjoni tidentifika r-riskju li l-Istati Membri ma jikkondividux “ammont biżżejjed” ta’ informazzjoni rilevanti dwar it-theddid ċibernetiku, jew fuq il-pjattaformi tal-SOCs transfruntieri jew bejn il-pjattaformi transfruntieri u entitajiet rilevanti oħra fil-livell tal-UE. Tali nuqqas ta’ kondiviżjoni ta’ informazzjoni jista’ jdgħajjef l-effettività u l-valur miżjud tat-Tarka Ċibernetika Ewropea.

**24** Għalhekk nilqgħu l-fatt li l-proposta fiha dispożizzjonijiet speċifiċi, fl-Artikoli 4, 5 u 6, biex ittaffi r-riskji marbuta man-nuqqas ta’ kondiviżjoni tal-informazzjoni. Il-proposta tipprevedi li l-finanzjament tal-UE jkun disponibbli għall-SOCs nazzjonali biss jekk huma jimpenjaw ruħhom li jipparteċipaw f’SOC transfruntier. Madankollu, nosservaw li ma hemm l-ebda rimborż tal-appoġġ finanzjarju riċevut matul l-ewwel sentejn jekk l-SOC nazzjonali ma jingħaqadx ma’ SOC transfruntier. Ir-Regolament propost jirrikjedi wkoll li l-membri tal-SOCs transfruntieri jimpenjaw ruħhom li jikkondividu “ammont sinifikanti ta’ *data*” ma’ xulxin u jistabbilixxu qafas ta’ governanza fi ftehim tal-konsorzju bil-miktub.

**25** Barra minn hekk, fl-Artikolu 7, il-proposta tiddikjara li l-SOCs transfruntieri jeħtiġilhom jipprovdu informazzjoni rilevanti relatata ma’ inċident potenzjali jew attwali taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira lill-EU-CyCLONe, lin-network tas-CSIRTs u lill-Kummissjoni “mingħajr dewmien żejjed”. Aħna nisħqu fuq l-importanza li jiġi żgurat infurzar adegwat ta’ din id-dispożizzjoni.

**26** Fl-Artikolu 6, ir-Regolament propost jipprevedi li l-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà bejn SOCs transfruntieri. L-Artikolu 8 jipprevedi li l-Kummissjoni tista’ tadotta wkoll atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi għall-Istati Membri biex jiżguraw livell għoli ta’ sigurtà tad-*data* u sigurtà fiżika tal-infrastruttura. Dawn il-kundizzjonijiet u r-

rekwiżiti jenħtieġ li jiġu miftiehma malajr biex jiġi evitat li sistemi inkompatibbli jiġu żviluppati flimkien, u biex jitnaqqsu l-kostijiet.

## Riskji marbuta mal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika

### L-użu tar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE

**27** Fir-Rapport Speċjali 05/2022 tagħna, osservajna li s-CERT-UE, l-iskwadra ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters tal-UE li tipprovdi appoġġ ta' rispons lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-UE, ma kinitx topera fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa fiż-żmien meta sar l-awditu.

**28** Fl-Artikolu 14, ir-Regolament propost jipprevedi li t-talbiet għal appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE se jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, appoġġata mill-ENISA, u li se tintbagħat tweġiba "mingħajr dewmien". Billi jaf ikun hemm diversi talbiet konkurrenti li jeħtieġu prijoritizzazzjoni, ir-Regolament propost jistabbilixxi xi kriterji għat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Artikolu 13 jispeċifika li l-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tkompli tispeċifika l-arranġamenti dettaljati għall-allokazzjoni tar-Riżerva.

**29** Aħna nqisu li huwa ta' importanza vitali li ż-żmien li jgħaddi bejn it-talba biex jingħataw servizzi ta' appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE u r-rispons mill-Kummissjoni ma jiddewwimx minħabba t-twaqqit tat-talba. Madankollu, il-proposta ma tispeċifikax data ta' skadenza predefinita u ma titlobx li jittieħdu passi organizzazzjonali biex tiġi rrispettata din id-data ta' skadenza.

### Deroga mill-prinċipju tal-"annwalità"

**30** Wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-baġit tal-UE huwa l-annwalità tiegħu, li jfisser li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit huma awtorizzati għal sena finanzjarja sal-31 ta' Diċembru. Approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati ma jiġux riportati awtomatikament għas-sena finanzjarja ta' wara. Dan il-prinċipju huwa stabbilit fil-Kapitolu 2 tar-Regolament Finanzjarju.

**31** Fl-Artikolu 19, ir-Regolament propost jidderoga minn dan il-prinċipju għall-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika. Huwa jistabbilixxi li l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati għal azzjonijiet relatati mat-tħejjija, ir-rispons u l-assistenza reċiproka għandhom jiġu

riportati awtomatikament u jistgħu jiġu impenjati u mħallsa sal-31 ta’ Diċembru tas-sena finanzjarja ta’ wara. Fit-taqsima 2 tal-memorandum ta’ spjegazzjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li din il-flessibbiltà fil-ġestjoni baġitarja kienet meħtieġa minħabba "*n-natura imprevedibbli, eċċezzjonali u speċifika tax-xenarju taċ-ċibersigurtà u tat-theddid ċibernetiku*".

**32** F’dak li jikkonċerna t-tħejjija, inqisu li l-ittestjar ikkoordinat tat-tħejjija tal-entitajiet għandu jkun attivitajiet ippjanati u għalhekk, inġenerali, la imprevedibbli u lanqas eċċezzjonali. Fil-fehma tagħna, tali attivitajiet ippjanati ma jeħtiġux deroga mill-prinċipju bażiku tal-annwalità.

**33** Madankollu, peress li r-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE u l-assistenza reċiproka se jintużaw biss b’rispons għal avvenimenti imprevedibbli, aħna nqisu li r-raġunament għal din id-deroga jista’ jiġi ġġustifikat biss f’dan il-każ.

**34** Għaċ-ċarezza, u f’konformità mal-abbozzar ta’ regolamenti oħra, bħal dawk dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jew l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, aħna nqisu wkoll li r-Regolament propost jenħtieġ li jispeċifika li r-riport awtomatiku ta’ impenji mhux użati jenħtieġ li jkun limitat għas-sena ta’ wara.

## Riskji marbuta mal-Mekkaniżmu ta’ Rieżami tal-Inċidenti

**35** L-Artikolu 18 tar-Regolament propost jiddikjara li, jekk tintalab mill-Kummissjoni, mill-EU-CyCLONe jew min-network tas-CSIRTs, l-ENISA għandha tirrieżamina u tivvaluta t-theddid, il-vulnerabbiltajiet u l-azzjonijiet tal-mitigazzjoni fir-rigward ta’ inċident speċifiku taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira. Wara li tikkollabora mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, l-ENISA jeħtiġilha tibgħat rapport tar-rieżami ta’ inċident li jkopri l-kawżi ewlenin, il-vulnerabbiltajiet u t-tagħlimiet meħuda.

**36** Aħna nqisu li dan huwa mekkaniżmu importanti ta’ feedback biex jissaħħu kontinwament il-kapaċitajiet tal-UE għad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons meta tħabbat wiċċha ma’ theddid u inċidenti taċ-ċibersigurtà. Madankollu, nissuġġerixxu li r-Regolament propost jenħtieġ li jispeċifika data ta’ skadenza massima biex jintbagħat ir-rapport tal-ENISA wara kwalunkwe inċident, sabiex jiġi żgurat li l-feedback jiġi pprovdut fi żmien xieraq. Barra minn hekk, il-proposta tindika li r-rapport jenħtieġ li jfassal rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni fejn xieraq. Madankollu, il-proposta ma tispeċifikax kif jenħtieġ li jingħata segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

## Monitoraġġ tal-prestazzjoni u evalwazzjoni tal-politika

**37** L-Artikolu 19 tar-Regolament propost jemenda l-Anness II tar-Regolament tad-DEP billi jintroduċi indikatur ġdid li jista' jitkejjel, jiġifieri "[l]-*għadd ta' azzjonijiet li jappoġġaw it-tħejjija u r-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà bil-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika*". Dan l-indikatur jikkomplementa tnejn eżistenti maħsuba biex jimmonitorjaw u jirrappurtaw dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettiv speċifiku tad-DEP dwar iċ-ċibersigurtà u l-fiduċja, jiġifieri "[l]-*għadd ta' infrastrutturi taċ-ċibersigurtà u/jew ta' għodod, li jiġu akkwistati b'mod konġunt*" u "[l]-*għadd ta' utenti u ta' komunitajiet tal-utenti li qed jaċċessaw il-faċilitajiet taċ-ċibersigurtà Ewropej*".

**38** Fil-fehma tagħna, l-indikatur il-ġdid propost ikejjel biss l-output u ftit li xejn se jipprovdi għarfien dwar l-użu u r-riżultati tat-Tarka Ċibernetika Ewropea u tal-Mekkaniżmu ta' Emerġenza Ċibernetika.

**39** L-Artikolu 20 tal-proposta jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill wara erba' snin mid-data tal-applikazzjoni tiegħu.

**40** Filwaqt li nqisu li l-evalwazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq *data* suffiċjenti u affidabbli, ix-xenarju tat-theddid, li qed jinbidel malajr, jirrikjedi adattament u innovazzjoni kostanti min-naħa tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Għalhekk, aħna nqisu li t-twaqqit tal-evalwazzjoni, kif propost bħalissa, jista' jkun tard wisq għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid. Barra minn hekk, l-ammont sħiħ ibbaġitjat għall-objettiv speċifiku tad-DEP dwar iċ-ċibersigurtà u l-fiduċja se jkun ġie impenjat sa tmiem l-2027.

# Kummenti finali

**41** L-Att propost tal-UE dwar iċ-Ċibersolidarjetà jistabbilixxi miżuri għad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà. Il-QEA tilqa' l-objettivi tal-proposta biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika kollettiva tal-UE.

**42** L-opinjoni tagħna tiġbed l-attenzjoni għal xi riskji li identifikajna u kif il-miżuri stabbiliti fil-proposta jistgħu jiġu implimentati. B'mod partikolari, aħna nenfasizzaw ir-riskji li l-operat tat-Tarka Ċibernetika Ewropea u s-sostenibbiltà tagħha jsiru dipendenti fuq il-finanzjament mill-UE; li l-funzjonament tagħha jkun impedit minn nuqqas ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni; u li l-miżuri introdotti mill-proposta jagħmlu lill-galassja taċ-ċibersigurtà sħiħa tal-UE aktar kumplessa.

**43** B'riżultat tar-rieżami li wettaqna tal-proposta leġiżlattiva, aħna nissuġġerixxu li **jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-leġiżlaturi jikkunsidraw**:

— li l-istimi tal-kostijiet relatati mal-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti jagħmluhom disponibbli biex itejbu t-trasparenza (ara l-paragrafu *10*);

— li jikkjarifikaw kif jenħtieġ li jinteraġixxu l-SOCs nazzjonali, l-SOCs transfruntieri, is-CSIRTs, u n-network tas-CSIRTs billi jistabbilixxu arranġamenti ta' governanza u responsabilitajiet ċari sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva u jiksbu s-sinerġiji (il-paragrafi *20*);

— li jiżguraw li ż-żmien li jgħaddi bejn it-talba biex jingħataw servizzi ta' appoġġ mir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE u r-rispons mill-Kummissjoni ma jiddewwimx minħabba t-twaqqit tat-talba (il-paragrafu *29*);

— li jillimitaw id-deroga mill-prinċipju tal-annwalità għal azzjonijiet ta' rispons u assistenza reċiproka, u jikkjarifikaw li r-riport awtomatiku ta' impenji mhux użati jenħtieġ li jkun limitat għas-sena ta' wara (il-paragrafi *32*-*34*);

— li jispeċifikaw data ta' skadenza massima biex jintbagħat ir-rapport tal-ENISA wara kwalunkwe inċident, sabiex jiġi żgurat li l-feedback jiġi pprovdut fi żmien xieraq (il-paragrafu *36*);

— li javvanzaw it-twaqqit għas-sottomissjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżaminar tar-Regolament (il-paragrafu *40*).

# Anness – Il-galassja Ewropea taċ-ċibersigurtà




**AMLA:** Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus
**CEPOL:** Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
**CMPD:** Direttorat għall-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar
**DĠ CONNECT:** Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija
**DĠ ECFIN:** Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
**DĠ ECHO:** Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej
**DĠ ENER:** Direttorat Ġenerali għall-Enerġija
**DĠ GROW:** Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs
**DĠ HOME:** Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni
**DĠ INTPA:** Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali
**DĠ JUST:** Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi
**DĠ MOVE:** Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport
**DĠ NEAR:** Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir
**DĠ REGIO:** Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana
**DĠ RTD:** Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
**DĠ SANTE:** Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari
**DIGIT:** Direttorat Ġenerali għall-Informatika
**EASA:** Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
**EC3:** Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol
**ECCC:** Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà
**ECSO:** Organizzazzjoni Ewropea taċ-Ċibersigurtà
**EDA:** Aġenzija Ewropea għad-Difiża
**SEAE:** Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
**ERCC:** Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza
**EU-CyCLONe:** Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet
**EuroHPC:** Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
**EUROJUST:** Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
**EUROPOL:** Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
**INTCEN:** Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
**FSI:** Fond għas-Sigurtà Interna
**JRC:** Ċentru Konġunt tar-Riċerka
**KDT:** Teknoloġiji Diġitali Ewlenin
**Direttiva NIS:** Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni
**PESCO:** Qafas ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti
**SECPOL:** Politika ta' Sigurtà u l-Prevenzjoni tal-Konflitti
**SITROOM:** Ċentru tas-Sitwazzjonijiet
**SOC:** Ċentri tal-operazzjonijiet tas-sigurtà

*Sors:* il-QEA.

Din l-opinjoni ġiet adottata mill-Awla III, immexxija mis-Sa Bettina Jakobsen, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-26 ta’ Settembru 2023.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrevedi l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.